MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ

IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 36/2017

It-Tlieta 5 ta' Settembru 2017

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' b'urġenza fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fis-6.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku
Is-Sur Christian Cassar – Kunsillier
Chev Carmelo Saliba – Kunsillier
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Is-Sinjura Maria Saliba – Chairperson Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Josianne Cassar – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Nicky Saliba ippresjeda l-laqgħa.

### 36.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

36.1.1 Is-Sindku qal illi ċ-Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn kienet skużata u l-Kunsilliera preżenti aċċettaw l-apoloġija.

### 36.2 Rapport tal-Bord tal-Għażla għal post ta' Segretarju Eżekuttiv

36.2.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat ir-rapport tal-Bord tal-għażla lill-Kunsill. Kien ħames applikanti. Minn dawn l-applikanti kien hemm tlieta ineliġibbli peress li ma kienux fil-lista tal-*pool* tas-Segretarji Eżekuttivi Prospettivi. Applikazzjonijiet validi kien hemm tnejn.

36.2.2 Wara li spiċċaw l-intervisti l-Bord ikkalkula l-punti u ħareġ li l-s-Sur Ryan Debrincat kellu l-akbar persentaġġ ta' punti. Ir-rakkomdazzjoni tal-Bord tal-Għażla hija li l-post ta' Segretarju Eżekuttiv jingħata lis-Sur Ryan Debrincat.

36.2.3 Is-Sindku ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Chev C Saliba.

Nipproponi li l-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ Għawdex għandu:-

- Jinnota r-riżultat tal-*interviews* mill-Bord tal-Għażla tas-Segretarju Eżekuttiv magħmul minn ħames membri kif approvat mill-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ;
- Jaċċetta r-rakkomandazzjoni ta' dan il-Bord skont l-istess riżultat u għaldaqstant;
- Jaħtar lis-Sur Ryan Debrincat, ID Nru. 23587G u residenti Spiteri Court, Flat 1, Triq Dun Spir Gauci, Il-Munxar, MXR 1361 Għawdex, bħala Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ u jikkomunika din id-deċiżjoni b'mod immedjat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

Il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

## 36.3 Konklużjoni

36.3.1 Peress li dawn il-Minuti jridu jintbagħtu fi żmien jumejn id-Deputat Segretarju Eżekuttiv talbet li l-laqgħa tiġi sospiża għal ftit ħin biex temenda l-Minuti skont id-diskussjoni li saret issa. Il-Kunsill qabel illi l-laqgħa għandha tiġi sospiża għal ftit ħin biex jiġu emendati l-Minuti.

36.3.2 Il-laqgħa tkompliet u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv qrat dawn il-Minuti kif emendati u ġew approvati unanimament. Is-Sindku u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-Minuti llum stess. Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tlieta 5 ta' Settembru 2017.

| | |
|---|---|
| Iffirmata | Iffirmata |
| **Nicky Saliba** | **Josianne Cassar** |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |